MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 17/2010

**Kimberley Joy Agius**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Gunju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali tal-25 ta' Marzu 2009.
> Ra l-ittra ta’ l-appell.
>
> Ra r-risposta ta’ l-appell tad-Direttur datata 14 ta' Gunju 2010, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

> Ra r-rapport ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.
>
> Ikkunsidra:
>
> Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fil-25 ta' Marzu 2009, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ddecieda li l-appellanti ma kenitx intitolat ghall-Ghajnuna Socjali peress li ma kienx sodisfatt li kienet qed tifforma familja ghal rasha.
>
> Peress illi jirrizulta ampjament car kemm mir-rapport ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet kif ukoll mill-istqarrija ta’ l-appellanti stess, li hija m'hijiex qed tifforma familja ghal rasha, id-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi.
>
> Ghal dawn il-motivi, id-decizjoni tad-Direttur hija gusta u timmerita konferma, u dan l-appell qed jigi michud.”

Ir-rikorrenti Kimberley Joy Agius appellat minn din id-decizjoni bl-ilmenti f’din l-ordni:-

(1) Ma nghatatx smigh xieraq fil-proceduri ghaliex ma kienetx assistita u hadd ma informaha li setghet tkun hekk assistita. Barra minn dan lanqas ma nghatat l-opportunita` li tressaq ix-xhieda taghha;

(2) L-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u immizinterpretat dak li nghad minnha bhala ammissjoni. Il-fatt li missier bintha jassistiha fit-trobbija taghha ma jwassalx ghad-deduzzjoni illi hi ma kienetx qeghda tifforma familja ghal rasha;

Ri-epilogati fil-qosor il-fatti ewlenin kienu dawn li gejjin:-

1. L-appellanti kienet ir-recipjenti ta' Ghajnuna Socjali (SA) li giet imwaqqfa lilha mid-Direttur b'avviz tal-25 ta' Marzu 2009. Ir-raguni moghtija kienet li d-Direttur ma kienx sodisfatt illi l-appellanti kienet qed tifforma familja ghal rasha;

2. Evidentement, din l-istess raguni kienet impernjata fuq ir-Rapport Investigattiv tad-Dipartiment tal-Frodi ta' Beneficcju, u li minnu gie determinat illi:-

i. L-appellanti kienet qed tabita flimkien ma' bintha ta' hmistax-il sena gewwa residenza appartenenti lil certu Andrew Zammit;

ii. Gie kkonstatat illi f'kamra tas-sodda tal-fond kien hemm hwejjeg tas-sess maskili, apparti dawk ta' l-appellanti;

iii. Li l-imsemmi Andrew Zammit gieli raqad f'dak l-istess fond. L-appellanti di fatti ammettiet ma' l-ispetturi li kkonducew l-ispezzjoni illi fil-lejl ta' qabel dan kien raqad fil-post;

iv. Skond l-istess rapport gie stabbilit ukoll illi l-appellanti kellha zewg impjiegi *part-time* izda l-appellanti naqset li tinforma lid-Dipartiment dwar impjieg minnhom ma' Dexters Mini Market;

Jibda biex jigi notat illi fid-decizjoni tieghu d-Direttur illimita ruhu ghal motiv singolari illi l-appellanti ma ienetx qed tifforma familja ghal-rasha. Kien biss fit-twegiba ghall-appell introdott mill-appellanti illi hu talab b'aggunta li jizdied il-motiv illi l-appellanti naqset milli tgharraf lid-Dipartiment bit-tibdil fic-cirkostanzi taghha ghall-fatt ta' dak l-impjieg *part time* li hi naqset li tirraporta dwaru. Intant il-korrezzjoni mitluba mid-Direttur f'dan is-sens baqghet ma gietx dekretata u ghaldaqstant il-Qorti ser tillimita ruhha ghall-uniku motiv indikat fl-avviz surreferit tal-25 ta' Marzu, 2009;

Rigward l-ewwel aggravju din il-Qorti minn dejjem affermat in linea ta' principju illi kull tribunal ghandu jirrispetta r-regola fondamentali li kull parti ghandu jkollha l-opportunita` li tressaq il-provi taghha u li taghmel l-osservazzjonijiet li xtaqet. Fil-kuntest hu pero` taghlim

siewi illi biex l-appellanti tirnexxi fl-aggravju taghha illi gie lez lilha l-principju ta’ smigh xieraq hi trid turi u tipprova li giet privata milli tinstema’, u li sofriet dik il-privazzjoni ingustament u mhux b’xi htija taghha ghaliex, mod iehor, dejjem kif ritenut, f’dan il-kaz jissubentra l-applikazzjoni tal-principju *qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum* sentire. Ara “**Joseph Debono *et* -vs- Dottoressa Irene Condachi**”, Appell Civili, 27 ta’ Gunju, 1955;

Fil-hsieb ta’ din il-Qorti fil-kaz in ispecje l-appellanti ma ghandhiex ragun timputa lill-Arbitru bil-ksur tal-princpju in kwantu minn ebda verbal ma jirrizulta li hi talbet li tkun assistita jew li tressaq il-provi taghha u dan gie negat lilha. Fil-verita mill-uniku verbal tat-18 ta’ Gunju, 2010 jirrizulta li dehru sew l-appellanti u r-rapprezentanti tad-Dipartiment u li gie esebit formalment ir-rapport ta’ l-Ispetturi Investigattivi. Mhux dan biss ghaliex zied jigi verbalizzat ukoll illi l-appellanti tiddikjara li dak li hemm imnizzel fir-rapport huwa kollu minnu. Il-Qorti ghandha ragun tissuspetta illi l-gravam ta’ l-appellanti hu merament pretest biex tintroduci kwestjoni dwar vjolazzjoni tal-principju fejn dan fir-realta ma jezistix u qatt ma ezista. Din il-Qorti ghandha ghaliex tahseb ukoll illi dak l-istess gravam huwa forzozament mahsub biex jittanta jeghleb jew jinnewtralizza l-istess ammissjoni ta’ l-appellanti kif din tinzel b’mod car u lampanti mir-rapport ta’ l-Ispetturi Investigattivi. Bizzejjed wiehed ifakkar hawn illi, kif deciz, skond il-ligi tal-procedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u bizzejjed biex il-kaz jinghalaq. Ara “**Carmelo Bonnici *nomine* -vs- Ronald Farrugia *et***”, Appell Civili, 26 ta’ Ottubru, 1970. Taht dan il-profil l-ewwel aggravju qed jigi skartat;

Kwantu ghat-tieni aggravju jibda biex jigi sottolinejat illi sakemm id-Direttur japplika l-ligi b’mod ragonevoli u ekwu ma huwiex lecitu illi l-Arbitru u lanqas din il-Qorti illi tissindika l-grad ta’ prova li kienet necessarja biex tissodisfa lid-Direttur, jew lill-Arbitru warajh, li tali prova kienet lahqet il-grad rikjest mil-ligi;

Bhala t-tieni osservazzjoni huwa floku li jigi rimarkat illi tenut rigward ta’ l-ammissjoni, u tal-kontenut indizzjarju li jinzel mill-elementi varji tar-rapport predett, il-konvinciment ta’ din il-Qorti ma jistax hlief jikkorrispondi ghal dak ta’ l-Arbitru. Dan ghall-motiv illi l-provi, rettament valutati, ma jistghux hlief jinducu ghal konkluzjoni unika illi tabilhaqq, fic-cirkustanzi tal-kaz, l-appellanti ma setghetx titqies li hi kienet il-“kap tal-familja” fit-termini tad-definizzjoni taht il-Kapitolu 318, kif ahjar u aktar elaboratament imfissra fid-diversi decizjonijiet ta’ din il-Qorti fuq fatti identici. Ara b’ezemplari s-sentenza “**Maria Grixti -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 12 ta’ Dicembru, 2007 u l-gabra ta’ decizjonijiet f’din l-istess sentenza elenkati. Jikkonsegwi illi l-assunt difensiv bit-tieni aggravju ma huwiex tenibbli u ma jistax, u ma ghandux, jigi akkolt.

Ghal motivi kollha fuq indikati din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni ta’ l-Arbitru. Kif konswet, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------